MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 6/2010

Kawza fil-lista: 73

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fit-12 ta' Frar 2001 hija kkuntrattat zwieg civili mal-konvenut assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-ewwel parti tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] tal-artikolu 19 [1] kif ukoll tal-artikolu 19A tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg *de quo* jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li ma kienux edotti bil-fatti li wasslu ghall-kawza, u li kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mal-konvenut halli jaqdu dmirhom kif imiss;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-12 ta' Frar 2001 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontaddetti s-segwenti fatti.

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Frar 2001 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin <u>ftit xhur</u>. L-attrici tispjega li f'dak iz-zmien hija diga` kellha zewg t'itfal minn relazzjoni precedenti. Tghid li hija zzewwget lill-konvenut "ghaliex jiena kelli dawn iz-zewg t'itfal u ridt certa' sigurta' li jiena u t-tfal ser nigu mantnuti, u dan peress li missier it-tfal qatt ma rrikonoxxihom. Fil-fatt jiena nghid li ma kontx inhobbu lil dan [il-konvenut.][1]

L-attrici tkompli tispjega li anke l-konvivenza bejn il-partijiet kienet damet ftit xhur peress li "ma stajt nissaportih peress li ma kontx inhobbu, u ma hassejtx li stajt nibqa' hemmhekk."

[1] Fol.24

Hi tghid li z-zwieg qatt ma gie kkonsumat.[2] Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jezisti l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, fil-konfront tal-attrici, stante li din ma fehemitx is-sinifikat u l-import tal-hajja konjugali. Hija zzewwget ghar-ragunijiet zbaljati, ragel li bil-kemm kienet tafu u li ma kienitx thobb, bir-rizultat li wara konvivenza qasira hafna hija skopriet li kienet inkapaci taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u ghalhekk telqet mid-dar konjugali.

Kif diga' ppronunzjat ruhha din il-Qorti f'diversi kazijiet, l-iskop principali taz-zwieg, mhuwiex il-manteniment tal-parti u tat-tfal taghha, izda huwa l-impenn li dik il-parti tghix il-hajja konjugali mal-parti l-ohra f'unjoni bazata fuq il-konvivenza konjugali diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Frar 2001.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fol.24